

Il-Pellegrinaġġ fi triqtu lejn il-Grotta ta' Lourdes. U proprju hawnhekk il-pellegrini jidhru fit-triq prinċipali ta' l-Mġarr.

# Mixja ta' Fidi mal-Madonna ta' Lourdes

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes, il-parroċċa t'Għajnsielem, nhar it-Tnejn 18 ta' Awwissu, filgħaxija, organizzat pellegrinaġġ Marjan *Aux Flambeaux* fl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, mill-Knisja Parrokkjali għall-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes, li tmexxa mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada. Ħadu sehem il-Fratelli tar-Rużarju u tas-Sagrament fi ħdan il-Paroċċa t'Għajnsielem, flimkien ma' rappreżentanza tal-Fratellanza tal-Paroċċa ta' l-Għarb u tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes mill-Paroċċa tal-Qrendi, Malta.

Mal-wasla fil-grotta Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni, li għaliha attendew numru kbir ta' Għawdxin.

F'Għajnsielem, tiddomina fuq il-Port ta' l-Mġarr, hemm il-Knisja iddedikata lill-Madonna Ta' Lourdes, liema Knisja tiġbed mijiet ta' pellegrini minn kull rokna ta' Għawdex u Malta matul is-sena kollha, b'mod speċjali fil-ġranet tad-dehriet.



Mons. Isqof Mario Grech, quddiem il-Grotta waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni. Jidher ukoll (xellug) l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada.



Il-Gruppi kollha, f'ritratt ta' l-okkażjoni, f' El Collell, Girona, Spanja fejn sar il-kamp tas-sajf.

# Żgħażagħ mill-Parroċċa tal-Munxar fi Spanja

Għat-tieni sena konsekuttiva grupp ta' adoloxxenti u żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Pawl Nawfraġu l-Munxar, immexxia mill-kappillan Dun Tonio Galea, irrappreżenta lill-Malta fl-*XX meeting ERA*, (*European Rogationist Association*) li din is-sena sar fi Spanja, ġewwa Girona, f'żona fejn hemm santwarju tal- Madonna f'El Collell, bit-tema: "JIEN HU T-TRIQ; IL-VERITA U L- ĦAJJA". Dan is-*summer camp* jiġi organizzat kull sena mir-Rogazzjonisti. Din is-sena pparteċipaw adolexxenti, żgħażagħ u adulti mill-Italja; Repubblika Ċeka; Slovakja; Slovenja; u Polonja.

Salvina Saliba, waħda minn dawk li attendiet għal dan il-kamp tas-sajf, qaltilna illi din kienet esperjenza mill-isbaħ, sew bħala grupp ta' adoloxxenti u żgħażagħ tal-Munxar, kif ukoll bħala esperjenza internazzjonali fejn kellna ċ-ċans li nitolbu, nitgħallmu u niddevertu ma' nsara oħra ta' pajjiżi u kulturi differenti.



Il-Grupp mill-Parroċċa tal-Munxar. Jidhru mix-xellug għal-lemin, fuq wara: Diane Saliba; Marta Curmi; Janine Sammut; Rebecca Galea; Salvina Saliba; Mark Bonello (Seminarista mill-Paroċċa tax-Xagħra) u Brandon Spiteri; Fuq quddiem: Brandon Cini; Antonella Bajada; Josianne Bezzina; Tonio Bezzina; Mark Debrincat u l-Kappillan Dun Tonio Galea.

"…Żgur li dan hu mezz tajjeb ħafna kif l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ tagħna jistgħu jikbru fil-formazzjoni tagħhom. J'Alla din l-esperjenza tibqa' fil-moħħ u l-qalb ta' dawk li pparteċipaw u jkunu ukoll kapaċi jwasslu dak li rċivew, lil sħabhom…"

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri



# L-artist żagħżugħ Paul Falzon jispeċjalizza ġewwa Firenze

Paul Falzon, artist żagħżugħ minn Għawdex, għadu kif irritorna minn kors intensiv ta' l-arti ġewwa l-Istitut Internazzjonali ta' l-Arti *Lorenze de' Medici,* ġewwa Firenze, l-Italja.

Falzon twieled fl-1983 ix-Xewkija. Huwa gradwat fl-Istorja ta' l-Arti mill-Università ta' Malta. Falzon ma għandux bżonn l-ebda introduzzjoni fil-komunità tiegħu. Għal dawn l-aħħar snin kien ikkummissjonat minn diversi għaqdiet sabiex ipitter xogħlijiet għall-festi. Fost l-aktar importanti nsibu sett bandalori b'episodji mill-ħajja ta' San Ġwann Battista li jiddendlu fit-triqat tax-Xewkija għall-festa, kif ukoll pittura ġganteska ta' l-istess qaddis għolja madwar sitt metri, li tkun esebita għall-istess festa fil-pjazza ewlenija. Falzon pitter diversi xogħlijiet li jinsabu f'kollezzjonijiet privati f'Malta u Għawdex, kif ukoll barra minn Malta, inkluż l-Awstralja.

F'Firenze, Falzon speċjalizza fil-pittura biż-żejt fuq it-tila u pproduċa xogħol ta' *still-life*, portraits, kif ukoll studji ta' l-anatomija meħuda minn statwi klassiċi. Falzon mar tajjeb ħafna fil-kors u fil-fatt ġie l-ewwel fil-klassi. Barra dan, il-professoressa Mirella Ferrari tatu ittra personali ta' meritu. Waqt il-kors, Falzon ġie ffilmjat mill-istazzjon Ingliż tal-BBC u saritlu wkoll intervista qasira.

Matul il-mawra tiegħu ġewwa Firenze, Falzon ġie wiċċ'imbwiċċ ma' diversi opri ta' l-arti: l-aqwa fosthom it-*Twelid ta' Venere* ta' Botticelli u l-*Annunzazzjoni* ta' Leonardo da Vinci, żewġ xogħlijiet li jinsabu l-*Galleria degli Uffizi.* Hu ma naqasx ukoll li jmur Ruma sabiex jara l-pittura ċelebri tal-Kappella Sistina, xogħol ta' Mikelangelo Buonarotti.

Falzon jittama li s-sena d-dieħla jerġa' jmur ġewwa Firenze biex ikompli jispeċjalizza fil-pittura.



Paul Falzon ma' uħud mill-pitturi li għamel waqt il-kors ġewwa Firenze.




## L-Għaqda Kulturali Maltija ta' NSW

***tavża' li għandhom ħarġa ta' "Weekend"***

***għal Hunter Valley Gardens***

*Inżuru* ***Cessnock*** *u* ***l-Wineries ta' Hunter Valley***

**Nitilqu minn Greystanes**
**is-Sibt 27 ta' Settembru fit-8am**
**Nirritornaw il-Ħadd qabel 7pm**

*Il-Prezz hu biss* **$160**-*il persuna*
*"Twin-share" jinkludi Motel bil-Breakfast,*
*5 Star Coach, u biljett biex nidħlu fl-Estates.*
*Fil-kowċ jintwerer films Maltin, ukoll.*

*Ghal aktar informazzjoni u bookings ċemplu lil:*
**Charlie Mifsud "il-Painter"** fuq **(02) 9871 8462**
**Victor Buttigieg** fuq **(02) 9543 1953**
***In-Numru hu limitat-***
***Aħsbu kmieni biex ma tkunux*** **ddiżappuntati**